**130. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġużè Cassar, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra dan li ġej għandu jirregola l-proċedura fuq l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kap. 105".

A. Illi l-Abbozz ta' Liġi jista' jkun eżentat mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (Ref. Ordni Permanenti Nru. 94) u jkun dikjarat urġenti, u aktar minn stadju wieħed ikun jista' jittieħed f'seduta waħda (Ref. Ordni Permanenti Nru. 93);

B. Illi d-diskussjoni fuq id-diversi stadji ta' dan l-Abbozz tkun eżentata mill-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol, jekk ikun meħtieġ;

C. Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu jittieħdu wara ħames minuti biss mill-ħin li fih ikunu ntalbu u bla ma jgħaddu għoxrin minuta (Ordni Permanenti Nru. 84);

D. Illi d-diskussjoni fuq it-Tieni Qari, jekk ma tkunx intemmet qabel, m'għandhiex tieħu aktar minn siegħa, maqsuma ndaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni, minn x'ħin tkun bdiet din id-diskussjoni, meta titqiegħed kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex jintemm dan it-Tieni Qari;

E. Illi d-diskussjoni fil-Kumitat jekk ma tkunx intemmet qabel, ma għandhiex tieħu aktar minn siegħa, maqsuma ndaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni, minn x'ħin tkun bdiet din id-diskussjoni, meta c-Chairman minnufih iqiegħed il-mistoqsija fuq il-klawżola, emenda jew skeda li dak il-ħin tkun qed tiġi diskussa, u jkompli jqiegħed il-mistoqsija fuq l-emendi li jibqa', u fuq il-klawżoli u l-iskedi l-oħra kollha, waħda wara l-oħra, mingħajr emendi jew diskussjoni; iżda Ministru jista' jressaq emendl, klawżoli u skedi ġodda mingħajr avviż, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi, klawsoli skedi jew klawżoli u skedi ġodda mingħajr avviż, titqiegħed mlngħajr diskussjoni;

F. Illi t-Tielet Qari, jista' jittieħed meta jintemm il-Kumitat, jew il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat.

22.06.1978